MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 275/2013

Appell Numru: 275/2013

Il-Pulizija

(Spettur James Grech)

Vs

Cyrus Engerer

Illum, 8 ta' Mejju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Cyrus Engerer, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 644981M talli:

F'Dicembru 2009 u fix-xhur ta' qabel, minghajr awtorizazzjoni :

(a) uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk

(b) Ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li kienu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor,

(c) Ikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma kienx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm,

(d) Ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom ;

Bejn id-29 ta' Dicembru 2009 u l-15 ta' Jannar 2010 b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

(e) kixef xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg meta dan ma kienx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietu jew b'xi ligi ohra,

(f) Fl-istess zmien u cirkostanzi, ghat-tqassim, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen,

(g) Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Marvic Camilleri, weggu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Marvic Camilleri u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-5 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati minn 'a' sa 'f' u konsegwentement illiberatu minnhom. Stante li l-parti civili Marvic Camilleri rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat il-Qorti iddikjarat il-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala 'g' u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-24 ta' Gunju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-proċediment eżawrit fil-konfront tal-akkuża immarkata bħala (g) filwaqt li tirrevoka fil-bqija fis-sens li wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz kif ukoll il-liġi applikabbli għaliha, ssib lill-appellat ħati tal-qbija tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena adegwata skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta giet biex tillibera lill-appellat mill-akkużi kollha miġjuba kontrih, inter alia għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-provi fid-dawl ukoll tal-liġi pertinenti għal każ in kwistjoni, senjatament dik dwar il-prova ċirkostanzjali u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi preliminarjament u għal kull buon fini jiġi ddikjarat li dan l-appell jittratta biss il-liberatorja tal-akkużat għall-akkużi mmarkati (a) sa (f) u dan peress li l-eżawriment tal-akkuża mmarkata (g) mill-ewwel Qorti fid-dawl tar-rinunzja tal-kwerelant Marvic Camilleri mhux ser tiġi appellata mill-esponent.

Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit u għas-sottomissjonijiet li ġejjin f'dan l-appell, a skans ta' repetizzjoni l-appellant Avukat Ġenerali qed jitlob li din il-Qorti tagħmel referenża ukoll għan-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet eżebita mill-Uffiċjal Prosekutur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar is-26 ta' Ottubru 2012 li fliet bir-reqqa d-diversi provi li l-prosekuzzjoni ġabet fil-konfront tal-appellat fl-istadju tal-ġbir tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u liema nota tkompli ssaħħaħ it-teżi tal-prosekuzzjoni f'dan l-appell. Dan qed jinhad iktar u iktar in konsiderazzjoni tal-fatt li ironikament l-ewwel qorti prattikament ikkumpjat kelma b'kelma dak li kien hemm fis-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni iżda għal xi raġuni wasslet għall-konkluzjonijiet opposti minn dawk ipprospettati mill-prosekuzzjoni fin-nota tagħha.

Illi l-ewwel qabel kollox tajjeb li ssir analiżi ta xi ġurisprudenza f'pajjizna kif ukoll għal xi ġuristi Ingliżi li daħħlu fl-analiżi tal-prova ċirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analiżi li hija mistennija mill-Qorti lit kun qed tiġġudika sabiex jiġi stabbilit jekk il-provi ċirkostanzjali humiex univoċi.

Fil-każ fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda* ***assolutament univoka****, li* ***tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda****...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni,* ***irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.***

Fil-każ fl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deċiza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn* ***ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat****.*

Anki fil-każ Pulizija v James Abela deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi *'In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li* ***l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti****, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta'*

*hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, **bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat**...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi*[1] *cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Finalment fis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada datata l-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa ġie ddikjarat illi *'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoċi'.*

Illi jekk induru fuq ġuristi Ingliżi senjatament Pollock C.B[2] l-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita tagħha ingħatat is-segwenti deskrizzjoni:

> *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of*[3].

---

[1] Enfazi tal-appellant.
[2] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).

[3] Enfazi tal-appellant.

Kwindi jidher ċar mill-każistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara **l-assjem** ta' dawn iċ-ċirkostanżi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita'.

Illi jekk induru għall-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti jidher illi t-teżi tal-prosekuzzjoni ġiet skartata għax skond il-kliem użat mill-ġudikant fl-ewwel stadju '*il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jippruvawx bi preċizjoni matematika*[4] *li l-imputat kien il-persuna li kreja l-email account in diżamina u bagħat l-emails bir-ritratti li jiffurmaw il-mertu tal-kawża odjerna*'.

Illi reverentement lejn l-ewwel Qorti fl-umli fehma tal-esponent dawn il-kunsiderazzjonijiet riflessi wkoll fid-deċide Tagħha huma altament kontrastanti għan-natura tal-provi miġjuba u tar-riżultanzi tal-każ in eżami. In oltre, anki fid-dawl tal-każistika kkwotata u tal-ġurista kkwotat, b'kull rispett dejjem, dawn il-konsiderazzjonijiet jagħtu l-impressjoni li l-ewwel Qorti donnha interpretat it-tifsira ta' univoċita tal-prova ċirkostanzjali b'mod estrem u ċioe dik taċ-ċertezza assoluta li allura ben jeżorbita dak pretiż mill-ġudikant li jkun qed jiddeċiedi jekk każ miġjub quddiemha ġiex ippruvat fuq provi ċirkostanzjali lil hin minn kull dubbju dettat mir-raġuni o meno.

Illi b'kull dovut rispett jekk dak mistenni mill-Qorti kien li tinstab prova matematikament preċiża l-ebda każ ma jista qatt jiġi pruvat mill-prosekuzzjoni permezz ta' provi ċirkostanzjali sakemm dak li jkun ma jkunx inqabad in *flagrante*

[4] Enfażi tal-appellant.

*delicto* u sakemm ma jkunx ukoll ammetta spontanjament dwar ir-reat kommess minnu. M'hemm assolutament l-ebda dubbju li tali kriterju ta' preċizjoni matematika tmur ben oltre il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni u ċioe tal-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li milli jidher mill-kazistika kkwotata huwa l-grad tal-prova pretiż mill-ġudikant. Di piu essendo li din mijiex prova diretta iżda waħda ċirkostanzjali mhux tali din il-prova mhijiex rikjesta li tinstab minn min qed jiġġudika l-każ iżda lanqas qatt ma tista tasal għaliha. Li kieku dik il-prova kienet teżisti ma nkunux qed nitkellmu iktar fuq provi ċirkostanzjali iżda fuq dawk diretti. L-istess aċċenn sar mill-Qorti meta' qalet li '*ma tistax teskludi b'ċertezza*[5] *li r-ritratti in diżamina kienu fil-pussess tat-terzi persuni li wkoll jidru fir-ritratti u li għalhekk setgħu intbagħtu minnhom. Din il-Qorti għalhekk jidrilha li fl-assenza ta' ness dirett*[6] *bejn l-IP address li minnu ntbagħtu l-emails u l-imputat ma tistgħax tinstab ħtija biss abbażi ta' provi indizjarji miġjuba mill-Prosekuzzjoni stante li dawn il-provi m'humiex univoci u jħallu dubbju f'moħħ il-ġudikant.*'

Illi b'referenza wkoll għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti kif hawn fuq ikkwotati, filwaqt li diversi provi ċirkostanzjali f'dan ir-rigward effettivament inġagħbu mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[7], b'kull rispett jinhad illi sakemm il-mandant ta' dawn l-emails ma kellux xi xewqa li jesplora l-intern tal-faċilitajiet korrettiva ta' Kordin jew sakemm ma kienx afflit minn xi istint masokistiku lanqas ma tagħmel sens li min ikun ħoloq l-indirizz tal-email għal dan l-iskop illeċitu ser jidentifika lilu nnifsu jew ser jagħti l-identita' veritiera tiegħu. Kwindi kienet impossibli għal kwalunkwe prosekuzzjoni essendo dejjem provi ċirkostanzjali li dan in-ness dirett li l-Qorti donnha rieded issib, u ċioe din il-prova diretta, tinstab fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi b'referenza għal dak mistqarr mill-ewwel Qorti dwar il-fatt li ma tistax teskludi li setgħu kienu t-terzi persuni li jidru fir-ritratti li bagħtu dawn il-messaġġi sabiex jiddanneġaw lil Marvic Camilleri b'kull rispett filwaqt li l-prosekuzzjoni terġa tipuntwalizza li eskluzjoni b'ċertezza qatt ma kienet rikjesta mill-Qorti jinhad ukoll li minn dak li xehed Marvic Camilleri dawn ir-ritratti kienu fil-pussess tiegħu u

[5] Enfażi tal-appellant.
[6] Enfażi tal-appellant.
[7] Xhieda tal-Ispettur Timothy Zammit fost oħrajn – folio 27 et seq u 120 et seq tal-atti proċesswali fost oħrajn.

tiegħu biss u ma kienx ta dawn ir-ritratti lil ħaddieħor inkluż allura dawk il-persuni li jidru fir-ritratti miegħu. Di piu skond li rriżulta mill-atti proċesswali dawn ir-ritratti kienu pjutost antiki u allura jekk kien xi ħadd minnhom il-prosekuzzjoni ma tistax ma ssaqsix għalfejn ir-ritratti in kwistjoni intbagħtu biss issa u mhux qabel ma nqalgħu l-problemi bejn l-appellat u Marvic Camilleri. JIngħad in oltre u b'kull rispett illi l-prosekuzzjoni ssibha wkoll daqxejn diffiċli temmen illi xi ħadd minn dawn il-persuni li mir-ritratti huwa faċilment identifikabbli ser jibgħat messaġġi b'ritratti ta' din in-natura u kompromettenti għall-aħħar li evidentement ser jikxfu l-identita' tiegħu wkoll u dan iktar u iktar jekk jiġi allegat li l-vittma kien tahom kopja ta' dawn ir-ritratti b'mod konsapevoli u xjenti. Differenti hija s-sitwazzjoni pero jekk nirreferu għall-appellat u dan peress li hu ma jinkwadra f'ebda waħda minn dawn ir-ritratti. Barra minn hekk f'ebda stadju tad-deċide ma jidher li l-Qorti tiddubita mill-kredibilta ta' dak li xehed il-vittma Camilleri u kwindi l-prosekuzzjoni wkoll ma tistax ma ssaqsix kif wasslet il-Qorti għal din l-opzjoni meta minn imkien ma rriżulta fl-atti li dawn ir-ritratti kienu għaddew għand dawn il-persuni. Evidentement din l-opzjoni għat-teorija tal-univoċita tal-provi miġjuba kontra l-appellat mijiex raġonevoli u m'għandiex mis-sewwa u kwindi ma twassalx għal dak id-dubbju raġonevoli rikjest ai fini tal-liberatorja f'dan il-każ.

Illi l-unika alternattiva li forsi wieħed jista jipprospetta (liema alternattiva pero' ma ġietx esplorata mill-ewwel Qorti) hi li omm l-akkużat Mary Engerer kienet il-persuna li bagħtet dawn l-emails u dan peress li l-IP address kien reġistrat fuq ir-residenza tagħha li kienet l-istess residenża fejn kien jirresjedi l-appellat Cyrus Engerer fiż-żmien meta ntbagħtu dawn l-emails bir-ritratti. Madankollu din il-konsiderazzjoni m'għandiex raġonevolment mis-sewwa u dan peress li biex tagħmel hekk Mary Engerer kien ikollha mill-inqas *tiħakkja* l-kompjuter ta' Mavic Camilleri kif ukoll is-sistema tal-email minn Brussel u minn Gasan Mamo, apparti li tidħol fil-kont tal-facebook tal-imputat u mill-Iphone ta' binha jew ta' terża persuna mhux neċessarjament magħrufa u dejjem fiż-żminijiet jew dati li kkombaċċew perfettament ma fejn kien l-appellat qua binha. Apparti li din tirrekjedi abbilta' teknika ta' ċertu portata, hi ma kellha l-ebda raġuni jew interess li ġġib ruħha b'dan il-mod. Mill-banda l-oħra kif irriżulta mix-xhieda ta' Marvic Camilleri li ma jidhirx li ġiet idubitata mill-Maġistrat fl-ewwel Qorti, l-unika persuna li kellha interess li tħassar ir-reputazzjoni tal-vittma ma persuni opportuni fil-ħajja tal-

istess vittma kien biss l-imputat. Dan huwa iktar u iktar sostnut mill-fatt li kien l-imputat li kellu aċċess għall-kompjuter tal-vittma waqt li kien jgħix fir-residenza tiegħu u filfatt ġieli użawħ flimkien. Kwindi l-appellat seta' faċilment ikun jaf x'kien fiħ dak il-kompjuter (inkluż ir-ritratti) u in oltre kien l-appellat li erbat ijiem qabel il-ftuħ ta' dan il-kont tal-email misterjuż kien daħal fil-fond tal-vittma bil-kunsens tiegħu sabiex jieħu l-effetti personali tiegħu waqt li l-vittma kien qiegħed *weekend* Għawdex u kwindi kellu l-opportunita' u l-ħin kollu li jieħu l-informazzjoni kollha neċessarja mill-kompjuter ta Marvic Camilleri li sussegwentement intużat b'dan il-mod malinn[8]. Apparti omm l-imputat l-unika persuna oħra li ssemmiet li seta' kellha aċċess għall-fond ta' Marvic Camilleri kienet oħtu (u mhux omm Cyrus Engerer) li bir-rispett ma jidhirx li seta' kellha xi interess li xxerred dawn ir-ritratti u/jew li tħassar ir-reputazzjoni ta' ħuha kif madankollu jidher li kienet l-intenzjoni tal-appellat f'dawn il-proċeduri. Di piu l-vittma jistqarr fix-xhieda tiegħu li filwaqt li hi kellha ċavetta ma kien jidħol ħadd iktar fil-fond tiegħu fil-Furjana[9].

Illi dawn iċ-ċirkostanzi li jippuntaw ċar lejn ir-responsabbilta' tal-imputat huma imsaħħin minn ċirkostanzi oħra li ġew anki kkonfermati permezz ta' xhieda okulari li kkonfermaw l-preżenza ta' Cyrus Engerer fil-post jew fl-uffiċju/stabbiliment minn fejn sussegwentement irriżultat li ntbagħat xi waħda mill-emails mertu ta' dawn il-proċeduri[10]. In oltre il-persuni li jaħdmu mal-vittma ikkonfermaw li kienu rċevew dawn l-emails fiż-żmien preskritt mill-prosekuzzjoni minn fuq l-email in kwistjoni li kif diġa ntqal qabel jidher li kien reġistrat fl-indirizz fejn kienet tirresjedi omm l-appellat u f'liema żmien ukoll hu kien qed jirresjedi[11]. Jidher ukoll mix-xhieda ta' Simone Mizzi li meta kienet irċeviet din l-email it-tieni darba (peress li l-ewwel darba kienet ħassret il-messaġġ għax ħasbet li kienet xi ċajta) innutat li kien hemm messaġġ miktub li indikat ċar li dan l-email kien qed isir bi skop speċifiku li jweġġgħu lill-vittma Marvic Camilleri apparti li kienet evidenti mill-kumment magħmul li dan il-mandant kien jaf lis-sur Camilleri personalment[12].

[8] Jiġi ppuntwalizzat li fix-xhieda ta' Marvic Camilleri kif riprodott a folio 166 et seq tal-atti proċesswali ix-xhud stqarr li filwaqt li kellu password fil-kompjuter tiegħu li hu ma kienx taħ lill-akkużat jew lil ħaddieħor ma setax jeskludi li seta' sar jaf x'inhu dan il-password u dan peress li kienu jgħixu u jużaw l-istess kompjuter fejn kien hemm dawn ir-ritratti fil-kumpanija ta' xulxin.
[9] Folio 101 tal-atti proċesswali.
[10] Xhieda ta' Rita Alamango – folio 110-111.
[11] Xhieda ta' Norbert Muscat, Lourdes Muscat, Simone Mizzi.
[12] Folio 174 ta-atti proċesswali.

Illi in oltre u in iktar sostenn, mix-xhieda tal-vittma f'dawn il-proċeduri (liema xhieda ma jidhirx li ma ġietx emnuta mill-ewwel Qorti) jirriżulta wkoll li meta kien ġara dan l-inċident hu kien issusspetta fl-akkużat u kien ikkonfrontaħ dwar dawn il-messaġġi fejn f'dak l-istadju l-akkużat kien ċaħad l-allegazzjonijiet. Jidher li kien hemm kommunikazzjonijiet bejniethom waqt li l-akkużat kien qiegħed Brussel fil-bidu ta' Jannar tas-sena 2010 minn fejn kien irriżulta li kienu ntbagħtu xi uħud minn dawn il-messaġġi fl-istess żmien. In oltre wara li l-vittma kien mar jagħmel rapport lis-Cyber crime Unit kien irriżulta mill-investigazzjonijiet li waħda minn dawn l-emails kienet intbagħtet minn Gasan Mamo fejn kienet taħdem ħabiba tal-appellat li hu (ċioe' l-appellat) ġieli kien imur jarha u kien xi kultant uża l-kompjuter tagħha mingħajr ma tkun qed tissorveljaħ[13].

Illi nteressanti wkoll jiġi nnutat Ii l-istess vittma jirreferi wkoll għal inċident meta' wara li bdew il-proċeduri kontra' tiegħu, l-appellat kien qal lill-vittma li kien fl-ntererss tiegħu li l-affarijiet ma jikbrux u dan peress li fin-nuqqas id-difiża jkollha '*tipproġetta, turi…l-affarijiet fil-Qorti li jiena (l-vittma) jiddispjaċini jekk jidru*[14].' Kważi kważi din id-dikjarazzjoni tal-vittma fuq dak li qallu Engerer u jekk emnuta mill-Qorti, tikkonferma l-involviment ta' Engerer b'mod attiv f'dan il-każ. Jinhad illi fl-ewwel lok b'tali dikjarazzjoni qed jagħti x'jifhem li għandu iktar *munizzjoni* fil-konfront tal-vittma li skond il-vittma stess kien materjal li semmai kien fuq il-kompjuter personali tiegħu li kien l-istess kompjuter li kienu jużaw flimkien hu u l-appellat. Mela allura jista l-appellat jispjega minn fejn seta' ġab dawn l-affarijiet u di piu jekk hu kien qed jipprova jbezza jew jintimida lill-vittma b'dan il-mod, kien hemm il-ħtieġa li juża tali tattika jekk hu kien innoċenti? Wieħed jista jasal jgħid ukoll li din id-dikjarazzjoni toħloq dak in-ness dirett li torbot lill-appellat mal-fattispeċi tal-każ u liema ness l-ewwel Qorti kienet qed tfittex sabiex issib il-ħtija fil-konfront tal-appellat bil-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni.

Illi finalment u fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet kollha kif ukoll dawk ippreżentati bil-miktub fl-atti proċesswali, huwa evidenti u ċar li l-provi tal-prosekuzzjoni kif miġjuba u n-natura tagħhom jiffurmaw il-katina li fl-assjem jippuntaw biss f'direzzjoni waħda univoka li turi l-ħtija tal-appellat Cyrus Engerer

---

[13] Rita Alamango – ara folio 99 sa 100 tal-atti proċesswali.

[14] Paġna 103 tal-atti proċesswali.

tal-akkużi kollha kif miġjuba kontriħ u dan sal-grad tal-konviċiment morali u lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni skond il-liġi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Cyrus Engerer ghamel xi snin f'relazzjoni intima mal-kwerelant Marvic Camilleri u kienu jghixu flimkien fir-residenza ta' Camilleri fi Triq l-Iljun, il-Furjana. Din ir-relazzjoni intemmet fil-Milied tas-sena elfejn u disgha (2009). Ftit taz-zmien wara l-impjegati ta' SAK Limited illi jopera fin-negozju taht l-isem "Body Shop" fejn jahdem Marvic Camilleri bdew jircievu permezz ta' email bl-indirizz qwertymalta@hotmail.com ritratti tal-kwerelant Marvic Camilleri f'pozizzjoni kompromettenti u esplicitament imbarazzanti. Camilleri ghamel rapport lill-pulizija tas-Cybercrime Unit illi bdiet mal-ewwel tinvestiga. Irrizulta illi l-email fuq imsemmi nholoq fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009) u minn din id-data sal-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) dan l-indirizz gie accessat minn postijiet/sorsi differenti u f'diversi okkazjonijiet. L-ahhar email li ntbaghat fil-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) intbaghat minn IP address bin-numru 62.235.199.17. Camilleri mal-ewwel informa lill-pulizija illi kellu suspetti kbar fl-appellat Cyrus Engerer illi ried jaghmillu vendikazzjoni wara li giet mitmuma r-relazzjoni ta' bejniethom.

Meta l-appellat gie mitkellem mill-pulizija rrifjuta li jwiegeb ghad-domandi li sarulu koncernanti l-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu però, ikkonferma illi kellu relazzjoni mal-kwerelant fejn kien jghix mieghu fl-indirizz tal-Furjana, liema relazzjoni intemmet fil-Milied tas-sena elfejn u disgha (2009) u cioé ftit granet qabel inholoq l-email fuq imsemmi. Ikkonferma ukoll illi huwa kien ghamel uzu mill-kompjuter tal-kwerelant waqt illi kien jghix fir-residenza tieghu u li wara li r-relazzjoni intemmet hu mar jghix fid-dar ta' ommu l-Mosta ghal xi zmien. Irrizulta illi dan l-ahhar fond kien wiehed mill-postijiet minn fejn dan l-email gie accessat ghal disa' (9) darbiet. L-appellat ikkonferma ukoll illi seta' kien Brussell fi zmien meta irrizulta li l-email partikolari ta' din ix-xorta kien ukoll intbaghtet minn hemmhekk.

Sussegwentement, fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) l-appellat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal akkuzi dwar uzu mhux kif dovut tal-kompjuter, access mhux legittimu ghal informazzjoni jew uzu taghha u reati dwar oggetti pornografici jew oxxeni.

Il-kaz gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 217) fejn l-ewwel Qorti ikkonkludiet li peress il-kaz tal-Prosekuzzjoni kien ibbazat fuq prova cirkostanzjali li fl-opinjoni taghha ma kinux univoci, ma kinitx se ssib htija fil-konfront tal-appellat u b'hekk illiberatu mill-akkuzi immarkati "A" sa "F" filwaqt illi ipprocediet illi ma tiehux konjizzjoni tal-akkuza "G" peress li l-kwerelant kien irrinunzja ghaliha.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell limitatament ghal-liberatorja koncernanti l-akkuzi minn "A" sa "F" u dana il ghaliex il-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-provi fid-dawl ukoll tal-ligi pertinenti tal-kaz inkwistjoni, senjatment dik dwar il-prova cirkostanzjali u kemm dawn setghu kienu jew ma kinux instrumentali ghas-sejbien ta' htija o meno.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghat illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu ghamel enuncazzjoni korretta, b'gurisprudenza u awturi ghall-kuncett ta' provi cirkostanzjali u effett probatorju taghhom ghall-fini ta' htija minghajr dubbju dettat mir-raguni. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel piena riferenza. Il-lanjanza principali tal-Avukat Generali taqta' fuq il-kumment tal-ewwel Qorti meta din deherilha illi "il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jippruvawx bi precizjoni matematika li l-imputat kien il-persuna li ikkrea l-email account in dezamina u baghat l-emails bir-ritratti li iffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna." Argumenta illi dan il-livell ta' prova u cioé bi precizjoni matematika, mhiex rikjesta fil-kamp kriminali u l-ewwel Qorti ma kellhiex tippretendi illi tasal sa dan il-livell biex issib htija u fin-nuqqas tillibera.

Ikkunsidrat:

F'kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti" fit-tlieta (3) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) li kien jittratta kwazi l-istess meritu, l-argumenti tal-ewwel Qorti ukoll ibbazati fuq provi cirkostanzjali u fejn ippretendiet ukoll ic-certezza. Il-Qorti tal-Appell qalet "Jinghad mill-bidunett li imkien fil-ligi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun certa minghajr ombra ta' dubbju dwar htija o meno tal-akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-ren divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghall-fini tal-gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq livell ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni u cioé livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza." Huwa veru illi dan il-kaz hu principalment ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss.

Meta persuna tkun qieghda tikkunsidra biex taghmel reat din taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u responsabiltà taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi indizji illi kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat inkwistjoni. L-ewwel Qorti kienet ben konxja ta' dan il-principju izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma tatx piz lill-provi cirkostanzjali li kien hemm f'dan il-process, liema provi bilfors kellhom iwasslu ghal konkluzjoni wahda u cioé illi kien l-appellat illi effettivament ikkrea dak l-email address u li baghat ir-ritratti lill-employer ta' Marvic Camilleri. Importanti illi jitqies, perezempju, l-avveniment storiku tal-akkadut proprju fi zmien meta l-appellat kiser ir-relazzjoni illi kellu mal-kwerelant. Ir-ritratti kienu biss fil-kompjuter tal-kwerelant liema kompjuter l-appellat kellu access ghalih fi zmien illi kien jghix mal-kwerelant fid-dar tieghu l-Furjana. Aktar assjomatiku huwa l-fatt illi meta f'weekend partikolari wara illi isseparaw fejn il-kwerelant mar jaghmel weekend Ghawdex ta permess lill-appellat sabiex jaccedi l-fond tieghu l-Furjana u minn hemm jiehu hwejjgu. Kwindi l-appellat kien f'pozizzjoni illi jkun jaf bl-ezistenza ta' dawk ir-ritratti u wkoll

jehodhom minn fuq il-kompjuter. Ma kienx hemm terza persuna ohra li seta' kellha access ghal dan il-kompjuter u konsegwentement ir-ritratti illi l-kwerelant kellu fih.

Fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009) inholoq l-email bl-indirizz fuq imsemmi qwertymalta@hotmail.com u irrizulta minghajr ombra ta' dubbju illi dan l-email gie accessjat ghal disa' (9) darbiet mill-fond ta' omm l-appellat, il-Mosta, fi zmien meta l-istess appellat mar joqghod hemmhekk, kif hu stess ikkonferma mal-pulizija fejn qallhom illi wara li kiser ir-relazzjoni mal-kwerelant u ma baqax joqghod mieghu l-Furjana ghamel xi zmien joqghod ghand ommu. Din il-Qorti lanqas trid tikkonsidra l-possibilità illi setghet kienet omm l-appellat illi baghtet dawk l-emails fi zmien illi dan tal-ahhar kien qed jghix ghandha.

Irrizulta ukoll illi dan l-email gie accessjat fi zmien inkwistjoni mill-ufficcju ta' GasanMamo, ir-Rabat, fejn tahdem Rita Alamango, habiba tal-appellat. Dina xehedet illi ta' spiss l-appellat kien jigi ghandha l-ufficcju u peress illi kellha break twil f' nofsinhar imorru jieklu flimkien u tiftakar illi fi zmien inkwistjoni sakemm qaghad jistenna l-appellat kien juza l-kompjuter tal-ufficcju. X'kien qieghed jaghmel, però, ma kintix taf peress illi ma kinitx tkun hdejh meta l-appellat kien qieghed juza dak il-kompjuter. Alamango ukoll xhedet illi fi zmien inkwistjoni hi ma kellhiex Iphone u ghalhekk zgur illi ma setghetx tibghat xi emails permezz ta' dak l-apparat.

Irrizulta ukoll illi fil-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) l-email gie accessjat minn Brussell. B'kumbinazzjoni dakinhar l-appellat kien ghamel mawra f'dik il-belt bejn it-tmienja (8) u l-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010). Fl-ahhar din il-Qorti tirrileva illi l-appellat kien l-unika persuna illi kellu l-interess u l-motiv illi jhammeg lill-kwerelant principalment man-nies illi jahdem maghhom. Veru illi l-interess u l-motiv mhuwiex necessarju sabiex tasal ghall-htija però meta dawn ikunu daqshekk cari u determinanti, il-Qorti tista' u ghandha tikkunsidrahom fl-ambitu tal-provi kollha mressqa.

Fl-ahhar il-Qorti ma tistax tinjora t-theddida (xhieda Marvic Camilleri, fol 103) illi l-appellat ghamel lill-kwerelant biex ma jkomplix ghaddej b'din il-kawza ghax jistghu johorgu certi affarijiet illi jkunu ta' aktar misthija ghall-istess kwerelant. Din it-theddida giet imsarrfa proprju fl-ahhar tal-gbir tal-provi meta fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) (fol 188) id-difiza esebiet "pen drive" li allegatament kien fih filmat illi juri... "materjal li gie elevat mill-intimat..." bir-ragun, il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghal din il-prezentata izda l-Qorti ma tat l-ebda direttiva u l-envelope kontenti l-"pen drive" baqa' fil-process. Dana juri f'liema livell waqa' l-appellat sabiex joskura lill-kwerelant, igieghlu jirtira l-kwerela u jahbi r-responsabiltà tieghu ghal dan ir-reat. Fortunatament l-appellat ma rnexxilux f'dan l-ghan qarrieqi.

Ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni illi kien l-appellat il-mohh u l-awtur wara t-tixrid ta' dawk ir-ritratti fuq mezzi ta' komunikazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-proceddiment ezawrit fil-konfront tal-akkuza immarkata "G", filwaqt illi tirrevoka l-bqija, wara li rat l-artikoli 337C(1)(a)(b)(c)(f)(j) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 208(1) tal-Kap. 9, issib lill-appellat Cyrus Engerer hati tal-bqija tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, b'dana però wara li rat l-artikoli 28A tal-Kodici Kriminali tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn. Terga' tordna lill-appellat illi huwa ma jersaqx u ma jikkomunikax ma' Marvic Camilleri u mal-familja tieghu ghal zmien sena mid-data ta' din is-sentenza ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali.

Tordna fl-aħħar nett li d-DVD dok TZZ (fol 45) u l-"pen drive" Dok AD1 (fol 189) ghandhom jigu konsenjati lill-kwerelant Marvic Camilleri.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------